CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IS-SEBA'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 70

L-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2018

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-3.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono– Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.13pm.

**70.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

70.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apologija

**70.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

70.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tad- Disa' u Sittin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

69.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**70.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

70.3.1 Is-Sindku infurma lill- Kunsill li l-Kunsill ingħata għotja ta' 35 siġra mis- Segretarju Parlamentari għal Gvern Lokali, is- Sur Silvio Parnis. Il-Kunsill ser jara fejn ser jitħawlu dawn is- siġar.

70.3.2 Is- Sindku talab lis- SE biex isir iz-zbir tas- siġar li jinsabu fi Pjazza San Publiju

70.3.3 Is-Sindku irrimarka li hemm xi residenti li qed jieħdu l-liġi f'idejhom u jagħmlu sinjali tan-*No Parking* quddiem ir-residenza tagħhom. Huwa infurma diġa lil-Transport Malta biex isir l-infurzar neċessarju.

70.3.4 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li qed isiru taħdidiet mal-Ministeru ta' L-Infrastruttura u Xogħolijiet Pubblici biex il-mantenzjoni tal-*horse shed* li tinsab fi Triq Mario Testaferrata tgħaddi f'idejn Transport Malta. Huwa xtaq jirringrazzja lill-Kunsilliera is- Sinjura Mary Ann Sultana ta' l-għajnuna tagħha.

70.3.5 Is-Sindku qal li x-xogħolijiet fuq it-tisbiħ ta-zona urbana permezz tal-Proġett *Urban Greening* ffinanzjat mill-Ministeru ta' l- Ambjent beda u diġa qed tingħata dehra sabiħa taz-zona. Dan il-proġett mistenni jitlesta sa nofs Novembru.

70.3.6 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li ġew ordnati għaxar (10) bins tas-cigaretti ġodda biex jizdiedu ma dak li hemm jew jinbidlu fejn hemm bzonn.

70.3.7 Is- Sindku qal li hemm bzonn urġenti li l-pilastru tal-ġebel li jinsab fi Ġnien Howard fi-daħla ta'quddiem iz- zebra crossing jiġi restorat minħabba l-periklu tiegħu.

70.3.8 Is- Sindku infurma lill-Kunsill rigward il-laqgħa li kellu mas- Segretarju Parlamentari Dr. Deo Debattista fejn ġiet diskussa il-possibilita' li kull tant zmien jkun hemm l-intervent tad-Divizjoni għat Tindif u Manutenzjoni ġewwa l-Mdina. L-Onorevoli Debattista fehem il-problemi li għandna u ser jingħata l-għajnuna neċessajra fejn hu meħtieġ speċjalment fis-sajf.

70.3.9 Is- Sindku tkellem fuq il- Malta Classic li saret ġewwa l-Mdina fejn qal li bħala attivita' kienet suċċess pero'  hemm ħafna x'jista' jsir aħjar f'dak li jirrigwarda *Traffic Management*.

Huwa qal li kellu ilment formali mill-Kunsill tar- Rabat minħabba l-arranġamenti tat-traffiku fuq din l-attivita' Huwa qal ukoll li jidhirlu li l-Kunsill tar- Rabat qabel l-attivita' kellu jiġi konsultat u li kieku l-organizzaturi ma ngħatawx in-*No Objection* dan l-avveniment ma kienx iseħħ għaliex bħala Kunsill huma indirettament involuti. Is- Sindku talab lis- SE jiċċekkja jekk din in-*no objection* ingħatatx lill-Pulizija.

## 70.4 **Rapport Finanzjarju għat-Tlett Xhur Lulju sa Settembru**

70.4.1 Is- Segretarju Ezekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-Kamra kopja tar-rapport finanzjarju għat-tlett xhur minn Lulju sa Settembru 2018. Kopja ta' dan id-dokument ingħatat lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa.

70.4.2 Is- Segretarju qal li matul din is-sena, l-Kunsill irnexxielu jagħmel sa' l-aħħar ta' Settembru surplus ta' € 108,621. Huwa qal li dan it-trend posittiv finanzjarju wassal biex id-deficit inqata' kompletament u l-indikaturi finanzjarji qed juru figura posittiva ta' 14%. Dan ser iwassal biex l-*excessive deficit procedure* imposta mid- Dipartiment għal- Gvern Lokali titneħħa u l-kunsill jkun jista' jerġa jibda jidħol għal proġetti kapitali.

## **70.5 Rapporti, Ilmenti u ordnijiet ta' xogħolijiet**

70.5.1 Ittra mir-Reġjun Tramuntana fuq it-twaqqif ta' skips fil-lokalitajiet kollha tar- Reġjun. Bħala Kunsill ma jaqbilx li jiġu installati dawn is-skips fl-Mdina.

70.5.2 Ittra mir- ReġjunTramuntana biex il-Kunsill ta' L-Mdina jipparteċipa fl-Intenational Folk Festival 2019 u joħroġ is-somma ta' € 6000. Il-Kunsill ma aċċettax li jieħu sehem.

70.5.3 PA 2653/18: Tibdil fil-post fejn qed jiġi propost li l-installazzjoni ta' kiosk diġitali titressaq minn Pjazza San Publju għal Howard Gardens. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.

70.5.4 AKL 2018/125- Car Sharing Services Malta Ltd- Car2Go. Il-Kunsill jaqbel fil-prinċipju imma mhux li jiġu installati *charging points* jew parkeġġ tagħhom ġewwa l-Mdina.

70.5.5 Cir AKL 2018/127- Laqgħa mas- Sindki, Membri tal-Kunsill u Segretarji Ezekuttivi fil-31 ta' Ottubru 2018

70.5.6 Ittra minn Wasteserv dwar l-infurzar ta' l-avviz legali dwar is-separazzjoni ta' l-iskart domestiku ġewwa l-Mdina

70.5.7 Avviz maħrug fil-Gazzetta tal-Gvern datata 19 ta' Ottubru 2018 fejn jagħraf li l-popolazzjoni ġewwa l-Mdina tlaqħħaq 237 persuna.

70.5.8 AKL2018/129- Laqgħa Bus Shelters nhar it- Tnejn 19 ta' Novembru 2018

70.5.9 Talba minn Infinetely Xara biex titwaħħal tabella fissa ta' reklamar fejn l-Għassa ġewwa l-Mdina. Il-Kunsill ma approvax din it-talba.

**70.6 Kunsiderazzjoni u l-Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

70.6.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tat-24 ta' Ottubru 2018, (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 12,449.46

70.6.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera Camille Scerri li kienet issekondata mill-Kunsilliera Maryann Sultana. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata miż-żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**70.7 <u>Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss</u>**

Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, il-laqgħa ntemmet fit-17.15pm u ġiet aġġornata għall-21 ta' Novembru 2018 fit-3pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data: 21-11-2018________